# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 183/2019 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Mark Tabone**

**Illum 11 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-imputat **Mark Tabone**, ta' 40 sena imwieled Attard (Malta) fl-24 ta' Novembru 1978, detentur tal-karta tal-identita' numru 544578M li permezz taghhom gie akkuzat talli nhar it-2 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tal-ħamsa u tnax-il minuta ta' wara nofsinhar (17:12hrs) ġewwa l-impjant bl-isem Gatt Ready, Mix, fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Leyland DAF bin-numru tar-reġistrazzjoni GBF -669:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, **involontarjament ikkaguna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Mercieca**, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 89448G, **u dan bi ksur tal-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

2. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura **b'maniera bla kont, traskurata u perikoluża, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a), 15(2), u 15(3) ta' Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bħala ħaddiem naqas milli jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu innifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistgħu jiġu effetwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir, **u dan bi ksur tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tiskwalifika l-liċenza tas-sewqan tal-imputat għal perjodu li jidhrilha li huwa xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, **ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Rat** li din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti;

**Rat** li din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta ħatret lil Dr Marsette Portelli Xerri bħala perit legali sabiex tisma' x-xhieda bil-ġurament, tiġbor id-dokumenti kollha u tagħmel aċċess jekk ikun hemm bżonn filwaqt li tirrelata lill-Qorti;

**Rat** it-traskrizzjonijiet kollha;

**Rat** li skont digriet mogħti fis-26 ta' Novembru 2019 minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, ġie ordnat li l-atti tal-inkjesta numru 33/2017 (ċjoè proces verbal 293/19) li ġie esibit fil-kawża Pulizija vs Joseph Gatt bin-numru 182/2019, għandu jifforma parti minn dawn il-proċeduri;

**Rat** li din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta kkonfermat il-ħatra tal-esperti nominati f'dik l-inkjesta;

**Rat** ukoll li fil-21 ta' Novembru 2023 il-prosekuzzjoni, l-imputati u l-parte civile lkoll qablu li l-provi u dokumenti li noabru mill-perit legali kif ukoll il-provi u dokumenti kollha li noabru minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta għandhom jiġu meqjusa bħala provi ammissibbli;

**Rat** l-atti kollha tal-proċeduri;

**Semgħet** is-sottomissjonijiet orali finali fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023;

**Rat** illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Fattispecie tal-każ u provi prodotti**

Irriżulta li fit-2 ta' Mejju 2017, seħħ inċident ġewwa l-impjant bl-isem Gatt Ready Mix fi Triq il-Qala, Għajnsielem, Għawdex li per konsegwenza tiegħu sofra ġrieħi gravi ċertu Emanuel Mercieca.

F'din il-kawża, quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, ġie esibit affidavit rilaxxjat minn Dr Joseph Vella li minnu jirriżulta li l-ġrieħi li sofra Emanuel Mercieca kienu ġrieħi gravi u kien anke fil-periklu li jitlef ħajtu.

Ġie wkoll esibit l-proces verbal li sar fir-rigward tal-inkjesta li nfetħet in konnessjoni ma' dan l-inċident. F'din l-inkjesta ġie ppreżentat rapport tas-SOCO PC 60 u PC 951 liema rapport kien jinkludi diversi ritratti u xi kampjuni li ġew elevati. L-ispejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €146.95ċ. Ġie ppreżentat rapport ta' Dr Marisa Cassar liema rapport ġie jammonta għal €14.16ċ. Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tar-rapport tal-Perit Cornelia Tabone (spejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €538.04ċ) u tar-rapport ta' Samuel Cefai (spejjeż inkorsi għal dan ir-rapport kienu jammontaw għal €237.27ċ). Ħadet konjizzjoni wkoll tar-rapport tal-espert Mario Buttigieg (liema spejjeż għal dan ir-rapport ammontaw għal €872.85ċ) u tar-rapport tal-espert legali Dr Renata Farrugia (liema spejjeż għal dan ir-rapport ammontaw għal €806.65ċ).

Fl-10 ta' Mejju 2019, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta ħatret lil Dr Marsette Portelli Xerri bħala espert legali sabiex tisma' x-xhieda bil-ġurament, tiġbor id-dokumenti kolha u tagħmel aċċess jekk ikun hemm bżonn filwaqt li tirrelata lill-Qorti. Madanakollu, din il-Qorti hekk kif ippreseduta kienet irrevokat l-inkarigu mogħti lil Dr Marsette Portelli Xerri fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2022 filwaqt li ordnat li l-inkartament kollu relattiv jiġi ppreżentat quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat li quddiem Dr Marsette Portelli Xerri, instemgħet ix-xhieda ta' Dr Daniel Calleja in rappreżentanza tar-Registrar of Companies u ta' Saviour Farrugia in rappreżentanza tal-Transport Malta li spjega li l-vettura GBD 669 kienet reġistrata fuq Gatt Development Limited. Xehed ukoll l-Ispettur Josef Gauci u ġew ippreżentati affidavits ta' Dr Joseph Vella, PS 676 E. Spiteri, PS 552 Matthew Grech u PC 141 C Azzopardi. Quddiem il-perit legali, komplew jinstemgħu xhieda oħra u ċjoè Norbert Ciappara in rappreżentanza tal-OHSA, Emanuel Mercieca, Ray Aquilina, Marcel Tabone in rappreżentanza tal-Jobsplus, Dr Paul Zammit bħala konsulent tal-ġerjatrija; Dr Michael Refalo; il-plastic surgeon Mr Francis X Darmanin u Mark Portelli. Dr Marsette Portelli Xerri esibiet ukoll il-file mediku ta' Emanuel Mercieca.

Ġie esibit ukoll pendrive li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kontenut tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-ewwel imputazzjoni u evalwazzjoni dwar kif effettivament seħħ l-inċident</u>.**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ai termini tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali li jistipola illi:-

*226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*
*(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);*

Stante illi l-Artikolu 226(1) tal-Kap 9 jagħmel referenza għall-fatti imsemmijin fl-artikolu preċedenti, din il-Qorti ser tiċċita testwalment mill-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali.

*"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti..."*

Dan ir-reat ta' offiża involontarja fuq il-persuna, jipotetizza kondotta kolpuża li bħala konsegwenza diretta tagħha jseħħ event dannuż lil terzi persuni liema event dannuż kien prevedibbli għalkemm mhux previst. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018, fil-każ Il-**Pulizija v. Dorianne Camilleri**, ġie ritenut, fir-rigward:

*"Bħala konklużżjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminoloġija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element tagħha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija. (vide Il-* ***Pulizija vs John Vella*** *deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tiegħu, jgħid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable."*

*Jinsab ritenut ukoll li l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, filwaqt li l-imprudenza tikkonsisti fl-egħmil ta' dawk l-affarijiet li jikkaġunaw ħsara prevedibbli. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Iżda, f'kull każ li jkun, sija f'każ ta' imprudenza u sija wkoll f'każ ta' traskuraġni, jeħtieġ xorta li jiġi ppruvat li l-ħsara kienet ukoll prevedibbli għad illi mhux prevista, għaliex kieku tabilħaqq l-event dannuż kien previst, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta.*

*Għalhekk, in suċċint, il-culpa ġenerika tinsab essenzjalment fil-fatt illi l-aġent ma jkunx osserva, għalkemm ma kienx impedit milli jagħmel dan, l-istandard ta' diliġenza rikjesta fis-sitwazzjoni konkreta. Magħdud ma' dan hemm ukoll il-culpa speċifika, dovuta għan-non osservanza ta' liġijiet u regolamenti li jkunu emanaw minn awtorita' pubblika bl-iskop li jirregolaw l-operat ta' attivitajiet determinati, u ta' regoli jew kodiċi ta' kondotta li jkunu indirizzati lejn faxxa speċifika ta' suġġetti u jistgħu jemanu anke minn awtorita' privata.*

*Dan kollu magħdud ifisser li biex tiġi radikata ħtija għar-reat ta' offiża involontarja fuq il-persuna, irid jiġi riskontrat u aċċertat ness ta' kawżalita' bejn l-event dannuż u l-kondotta kolpuża tal-aġent, b'mod li l-event dannuż ikun konsegwenza tal-azzjoni tar-reo.*

*Fil-fatt, kif diġa' ngħad, l-imputazzjoni ta' event leżiv irid ikollha bħala punt ta' partenza l-presuppost li r-reo jkun ikkontribwixxa materjalment għar-riżultat dannuż u li jkun jeżisti, allura, rapport ta' kawżalita' materjali bejn il-kondotta tar-reo u l-istess eventi dannuż: dan*

*l-aċċertament tan-ness kawżali bejn l-azzjoni jew l-ommissjoni u l-event dannuż huwa fondamentali għall-attribuzzjoni ta' ħtija kriminali.*"

Xħin din il-Qorti ġiet biex tevalwa kif seħħ dan l-inċident, innotat li ngħataw diversi verżjonijiet kunfliġġenti. Fattur ieħor li huwa inkwetanti għal din il-Qorti huwa l-fatt li sfortunatament irriżulta li t-trakk involut fl-inċident, tneħħa minn fuq il-post tal-inċident u ġie misjuq minn Joseph Gatt (vide xhieda mogħtija minn Joseph Gatt).

Dwar fejn eżattament seħħ dan l-incident, minn eżami proċesswali rriżulta li t-trakk misjuq mill-imputat Mark Tabone laqat lill-vittma Emanuel Mercieca fil-yard, ftit metri 'l bogħod mill-garage, waqt illi Emanuel Mercieca kien miexi biex imur għat-trakk tiegħu li kien ipparkjat fil-yard, u waqt li Mark Tabone kien qed joħroġ it-trakk mill-garaxx.

Infatti, fix-xhieda tiegħu Mark Tabone stqarr bil-ġurament li "*niftakar li wiċċu kien qed iħares il-fuq waqt li dahru kien mal-art fejn kien qed iħares lejn il-gandott li hemm barra l-entratura*". L-istess Emanuel Mercieca xehed li "*Ħriġt il-barra minn ġol garaxx*" u "*nispjega li Mark mar lejl il-gabina u jiena mort 'il barra. Jiena mxejt 'il barra u xħin ġejt erbatax (14)-il metru 'l barra ntlaqatt. Laqatni jiena u ndur fuq il-lemin. Laqatni waqt li kien wiċċu 'l barra fuq in-naħa tax-xellug.*" (vide xhieda ta' Emanuel Mercieca mogħtija quddiem il-perit legali fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2021).

Din il-Qorti tqis li l-post fejn seħħ l-inċident jirriżulta wkoll mill-konklużjonijiet illi waslu għalihom kemm il-Perit Tekniku Mario Buttigieg (maħtur fl-inkjesta u li l-inkarigu tiegħu ġie wkoll ikkonfermat f'dawn il-proċeduri), kif ukoll l-uffiċjal tal-OHSA, Norbert Ciappara. Infatti, fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit legali mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, Ciappara esibixxa NC1 li juri l-garaxx li minnu kien ħiereġ Mark Tabone bit-trakk u Mercieca bil-mixi kif ukoll kompla jispjega li "*Fejn hemm vleġġa 'l fuq huwa fejn ġie indikat li Mercieca kien ħiereġ. Il-punt immarkat bħala 'X' huwa fejn ġie indikat lili li spiċċa mal-art Mercieca.*"

Stabbilit dan, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-provi miġbura sabiex tistabilixxi jekk l-imputat kienx konxju li l-vittma kien miexi mal-ġenb tal-yard waqt li hu kien qed isuq it-trakk inkwistjoni. Emanuel Mercieca dejjem sostna illi hu u Mark Tabone ħarġu ma' xulxin mill-garaxx, u waqt li hu baqa' ħiereġ 'il barra fuq in-naħa tax-xellug mill-entratura tal-garaxx, Mark Tabone dar lejn il-lemin biex jitla' fil-gabina tat-trakk fuq in-naħa tas-sewwieq. Daparti tiegħu, Mark Tabone insista illi qabel hu rikeb fit-trakk, Emanuel Mercieca kien għadu jitkellem ma' sħabu ġol-uffiċċju jew workshop, u illi Emanuel Mercieca ma ħariġx miegħu mill-garaxx.

Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, mill-provi rriżulta illi Emanuel Mercieca u Mark Tabone ħarġu mill-garaxx jekk mhux ma' xulxin, kważi fl-istess ħin, b' dana illi Mark Tabone kien qed isuq it-trakk biex joħorġu mill-garaxx u jmur ibattal l-ilma mill-bajla, u Emanuel Mercieca kien ħiereg bil-mixi biex imur għat-trakk li kien uża matul il-ġurnata biex idaħħlu fil-garaxx biex jinħasel. Stante illi l-inċident seħħ ftit metri 'l bogħod mill-entratura tal-garaxx, u peress illi Emanuel Mercieca kien miexi waqt illi l-imputat kien qiegħed isuq it-trakk tiegħu, huwa iktar

kredibbli li l-vittma kien laħaq ħareġ mill-garaxx qabel mal-imputat beda jsuq it-trakk. Mill-fatti minn imkien ma rriżulta li l-inċident seħħ fejn Mercieca kien għaddej maġenb trakk li kien fil-garaxx u dan għaffġu mal-ġenb tal-bieb tal-garaxx. Mid-dinamika tal-akkadut, jirriżulta li meta l-imputat beda jsuq it-trakk, il-vittma kien żgur aktar 'il quddiem mit-trakk, u ġewwa l-yard.

Dwar il-kwistjoni mqajma mid-difiża, illi l-vittma kien negliġenti meta għażel li joħroġ mill-garaxx u jimxi fil-yard biex jilħaq it-trakk tiegħu, l-Qorti hija persważa illi Emanuel Mercieca ma setax ħa triq oħra aktar sigura biex mill-garaxx jasal għat-trakk tiegħu. Jirriżulta illi hu ħareġ mill-garaxx min-naħa tal-passiġġier, u beda miexi mal-ġenb tal-yard fuq in-naħa tax-xellug. Illi l-punt indikat mill-uffiċjal tal-OHSA fejn seħħ l-inċident jindika illi Emanuel Mercieca kien miexi mal-ġenb tal-yard, u mhux f'nofs il-yard. Jirriżulta illi l-yard hija wiesa' biżżejjed, u l-imputat ma kellux għalfejn isuq daqshekk lejn il-ġenb tax-xellug tal-yard.

Din il-Qorti tqis li tul kemm Mark Tabone ilu jaħdem isuq it-trakkijiet, ċertament jaf jew messu kien jaf illi l-perkors bil-mixi ta' prattikament il-ħaddiema kollha li jaħdmu miegħu, mill-garaxx għat-trakkijiet li jkun hemm ipparkjati fil-yard, kien proprju dak illi minnu kien għaddej Emanuel Mercieca. U appuntu għax kien qiegħed isuq trakk kbir u mhux xi vettura żgħira, kien messu ma ġennibx it-trakk tiegħu lejn tarf il-yard, fejn kien hemm il-possibilità li jkun hemm sħabu ħaddiema oħra għaddejin bil-mixi minn hemmhekk. Mark Tabone ġaladarba kien qed isuq it-trakk, kellu d-dmir li jżomm *a proper look out* u jieħu dawk il-prekawżjonijiet fis-sewqan tiegħu, inkluż li jżomm aktar lejn in-nofs, biex jevita li jolqot lil xi ħadd li seta' kien għaddej bil-mixi minn hemmhekk. Dan qed jingħad iktar u iktar meta l-istess Mark Tabone kien konsapevoli li t-trakk għandu *blind spots*, li jrid iżommhom inkonsiderazzjoni meta jkun qiegħed isuq it-trakk biex jevita illi jtajjar lil xi ħadd u/jew jikkaġuna danni. In-negliġenza tiegħu, kienet proprju — għaliex minkejja li jaf b'dawn ir-riskji u limitazzjonijiet, xorta saq bil-mod li saq b'konsegwenza li laqat lil sieħbu li kien miexi fil-ġenb tal-yard.

Il-fatt illi l-viżwali setgħet kienet ostakolata tpoġġi responsabilità akbar fuq l-ispalla tas-sewwieq li joqgħod ferm aktar attent fis-sewqan tiegħu. Kif intqal diversi drabi mill-Qrati nostrana, sewwieq huwa mistenni li jsuq b'mod kawt u attent u aktar ma jkun hemm diffikultajiet fis-sewqan kaġun taċ-ċirkostanzi ambjentali fil-mument tal-inċident, akbar għandha tkun l-attenzjoni tiegħu fis-sewqan. Dwar ir-responsabilità tas-sewwieq vis-à-vis il-*pedestrian*, din il-Qorti ser tikkwota mis-**sentenza Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2018:

"*…għandu joħroġ illi sabiex is-sewwieq ikun eżentat minn kwalunkwe responsabbilta għall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova ċara ta'l-hekk imsejjħa 'emergenza subitanea' li tinħoloq mill-pedestrian meta jiddeċiedi li jaqsam it-triq, emerġenza li tpoġġi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidħol il-grad tal-culpa tas-sewwieq għal event dannuż u jekk allura jistax jiġi eżentat mir-responsabbilta: "In suċċint fuq skorta ta' awturi u ġurisprudenza, t-trepod tal-kolpa ġie definit bħala: 1. la volontarieta dell'atto; 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u 3. la*

*possibilita di prevedere. Bħala konklużżjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid tagħti lit-terminologija culpa, għalhekk jibqa' dejjem li l-element tagħha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 1958 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali)".*

Il-Qorti tal-Appell f'din l-istess sentenza għamlet referenza għal dak li ntqal mill-Corte di Cassazione Taljana fejn dik il-Qorti kienet iddikjarat li tort imputabbli esklussivament lill-*pedestrian* jirriżulta jekk jikkonkorru s-segwenti:

*i.* "*Che il conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilità di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
*ii.* *Che i movimenti del pedone siano così rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
*iii.* *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di commune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*"

Inoltre, dwar l-oneru illi sewwieq iżomm a proper look out, fil-kawża deċiża fl-4 ta' Settembru 2023, mill-Qorti tal-Appell **Il-Pulizja vs Jimmy Piscopo:**

"*Illi kull xufier ta' vettura għandu jeżerċita "a proper lookout" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiha. Illi hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App.Krim.* ***Il-Pulizija vs. Joseph Vella****) u li min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm "a proper lookout" (App.Krim. Il-***Pulizija vs. J. M.Laferla****). F'dan il-punt, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li tagħmel referenza għal sentenza deċiża minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet il-***Pulizija vs Michael Angelo Scerri** *fejn gie ritenut hekk: 'Illi hu ovvju li l-appellant ma żammx proper lookout għax kieku ħares tajjeb 'il quddiem u ċioe' ħares lejn il-mera, kien żgur jara l-mutur ġej lejh. Dan il-mutur ma waqax mis-sħab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qiegħed idur lejn il-lemin. Bil-fors li kien viżibbli għal ċertu intervall. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda ħin qabel ma kien ra l-mutur, qed jinkrimina ruħu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.......... Illi fi Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd. (1968), il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li:*

*'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well." L-appellant xehed illi l-mutur raħ l-ewwel darba quddiemu u dak il-ħin ma kkonoxxiex li hu mutur quddiemu.*"

Dwar jekk kienx hemm negliġenza kontributorja, jew jekk il-vittma kienx unikament responsabbli bħala pedestrian għall-akkadut, il-Qorti ma tqisx li tressqu provi suffiċjenti li jikkonvinċuha li Emanuel Mercieca kien b'xi mod negliġenti. Id-difiża targumenta illi Mercieca messu ħareġ mill-garaxx min-naħa tas-sewwieq tat-trakk. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Li kieku għamel hekk, Emanuel Mercieca kien isib ruħu ħiereġ jippassiġġa f'nofs il-yard. Li kieku ħareġ min-naħa tas-sewwieq, Merieca kien ikun poġġa lilu nnifsu u lis-sewwieq tat-trakk f'periklu ċar. Mill-fatti kif ġew esposti, din il-Qorti hija konvinta li Emanuel

Mercieca għadda mill-post l-aktar sigur fil-yard, li sfortunatament għalih ma kien sigur xejn. Dan mhux tort ta' negliġenza tiegħu, iżda nuqqas serju da parti ta' min iħaddem stante li l-ħaddiema f'dan l-impjant ma ġewx provduti b'passaġġ sigur għal min ikun għaddej bil-mixi u għal min ikun għaddej bit-trakkijiet. Irriżulta mill-aktar mod ċar li fil-post fejn seħħ dan l-inċident ma kienx hemm bankini jew barriers biex jiddistingwu il-passaġġ għal pedestrians u l-passaġġ minn fejn jgħaddu l-vetturi u trakkijiet tal-kumpannija/i. Tant hu hekk, li effettivament, irriżulta illi wara li seħħ l-inċident, inħoloq passaġġ aktar sigur minn fejn jgħaddu l-ħaddiema bil-mixi. Infatti, mid-dokument ppreparat mis-soċjetà AME Limited u ffirmat minn Mariano Gatt (Esibit mar-rapport ta' Mario Buttigieg fl-atti tal-inkjesta) ġie mniżżel li bħala 'incident investigation' hemm "*there is ample space for trucks and pedestrian passage ways. Erect robots with mushroom caps orange mesh to designate trucks from pedestrians*" kif ukoll taht 'actions to prevent recurrence' ġie mniżżel "*place robots and orange mesh to separate trucks and pedestrians.*"

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa jekk saritx il-prova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwar l-entità tal-ġrieħi sofferti minn Emanuel Mercieca. Dwar il-konsegwenzi serji li sofra Emanuel Mercieca kaġun tal-inċident, jirriżulta illi malli l-istess Mercieca ddaħħal l-isptar, il-kondizzjoni medika tiegħu ġiet evalwata bħala gravi hafna, u kien addirittura fil-periklu tal-mewt (Vide affidavit ta' Dr Joseph Vella). Tressqu diversi xhieda oħra mill-kamp mediku li kkonferma s-severità tal-grieħi sofferti minn Mercieca fosthom Mr Frank Portelli u Mr Ray Aquilina. Fil-mori ġie ppreżentat ukoll il-file mediku tal-vittma li minnu jirriżulta li l-istess qatta' ammont konsiderevoli ta' żmien l-ITU f'Għawdex kif ukoll ġie rikoverat fl-Isptar Mater Dei u l-Isptar Karen Grech. Irriżulta wkoll li kien biss per konsegwenza tal-kura intensiva illi ngħata li ġiet evitata l-amputazzjoni tar-riġel illi ġie milqut mit-trakk misjuq mill-imputat. Per konsegwenza din il-Qorti tqis li din l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Imbagħad permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat ukoll illi l-istess fatti u ċirkostanzi kienu jammontaw għal sewqan ta' vettura b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a), 15(2), u 15(3) ta' Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella** (Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; Deċiża 19.05.2014) fejn kien deċiż:

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Alfred Mifsud****, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-*

*disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs John Mamo***, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

Fl-istess sentenza già ċitata (**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**) (Deċiża 06.05.1997 per Onor. Imħallef Dr Vincent DeGaetano), il-Qorti tal-Appell Kriminali enunċjat it-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide* **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain***, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …"*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** (Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) eżaminat l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-*pedestrian*:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim.* **Pul. vs. Charles Bartolo** *14.3.59 ;* **Pul. vs. Wilson***, Vol. XXXIX p. 1018 u* **Pul. vs. Alfred Vella***, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.* **Pul. vs. Hardingham** *, 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' recklessness" (App. Krim.* **Pul.**

***vs. Charles Farrugia*** *XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye ".(App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina*** *, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul.vs. Antonio Spiteri*** *, Vol. XLIV, p.892)*

*Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :* ***"The Police vs. Gunner Brian Wilson"*** *[7.5.1955] li :- "It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving." (ara ukoll f' dan is-sens: App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"*** *[9.3.1959] u "****Il-Pulizija vs. Charles Bartolo*** *" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)*

*Umbaghad fl-Appell Kriminali : "****Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes****" ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- "sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu." (ara. App. Krim. "****Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"*** *[5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)*

*Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' Mallia u Bartolo fuq citati "kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u mir-rizultanzi processwali, b' mod partikolari mill-atti tal-inkjesta magisterjali u r-ritratti hemm ezebiti, kif ukoll mix-xhieda migbura quddiem il-perit legali, din il-Qorti tqies li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar sewqan bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż. Madanakollu, mix-xhieda prodotta, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-imputat kien qed isuq b' mod negligenti u naqas li jzomm a proper look out kif ukoll il-prekawzjonijiet necessarji biex jevita li jsehh incident bhal dan. Il-manuvra li ghamel l-imputat kienet maghmula b' tali mod u

manjiera li s-sewqan kien jiddipartixxi mill-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Ġie fl-aħħar nett akkużat ukoll taħt artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola:

"*7. (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Illi fid-Dibattitu fil-Kumitat Parlamentari rigward l-Abbozz ta' Liġi Dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi qal, b'referenza għal dan l-artikolu, illi:-

"*Jiġifieri wieħed jinduna mill-ewwel li l-kunċett huwa proprju li aħna jinteressana li l-ħaddiem jieħu ħsieb ta' saħħtu, imma jirrealizza wkoll li jkun qed jipperikola, jekk ma joqgħodx attent, mhux biss lilu nnifsu imma anke s-saħħa ta' ħaddiema sħabu, l-ewwel u qabel kollox, imma jista' jkun anke ta' persuni terzi.*"

Sussegwentement, waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2000, l-Onor. Lawrence Gonzi kompla jispjega illi:

"*Il-punt kruċjali ta' dan l-artiklu huwa dak li jingħad fl-ewwel subartiklu li kull ħaddiem għandu jissalvagwarda s-saħħa u ssigurta' tiegħu stess kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Illi dan l-artikolu jitfa' responsabilità fuq kull ħaddiem, kemm impjegat jew għal rasu, sabiex minbarra li jassigura li ma jpoġġix lilu nnifsu f'periklu, jara li b'dak li jkun ser jagħmel ma jpoġġix lil ħaddieħor f'periklu, irrispettivament minn jekk dak il-ħaddieħor huwiex impjegat jew terza persuna. Illi huwa loġiku li fit-twettiq ta' dan l-obbligu, kull min ikun qed iwettaq xogħol għandu juża diliġenza raġjonevoli sabiex jara li l-azzjonijiet tiegħu ma jpoġġux lil ħaddieħor f'periklu. Id-diliġenza użata, madanakollu, għandha tkun proporzjonata wkoll għat-tip ta' xogħol li ser jitwettaq.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda mogħtija quddiem il-perit legali minn Marcel Tabone, rappreżentant ta' Jobsplus, li mistoqsi jesibixxi l-employment history ta' Mark Tabone u ta' Emanuel Mercieca xeħed "speċifikatament ma' min kienu jaħdmu f'Mejju 2017, mil-liema jirriżulta li Mark Tabone kien jaħdem ma' Gatt Enterprises Limited ( li bi zball fit-traskrizzjoni tax-xhieda giet imnizzla bhala Mark Enterprises Limited) u Emanuel Mercieca ma' Gatt Tarmac Limited. Irrizulta wkoll li Daniel Calleja in rappreżentanza tar-Registrar of Companies quddiem il-perit legali ppreżenta informazzjoni dwar min huma l-azzjonisti, id-diretturi u s-segretarji tal-kumpanniji li kienu jħaddmu lill-partijiet li kienu involuti fl-inċident li seħħ fit-2 ta' Mejju 2017. Dan spjega li fir-rigward ta' **Gatt Enterprises Limited** (C41625), din ġiet reġistrata fil-15 ta' Ġunju 2007, bir-registered address 53, Kapuċċini Street, Victoria, Gozo – DOK DC1. Spjega li Benny Gatt, Joe Gatt, Mario Gatt, Raymond Gatt, Ronnie Gatt u William Gatt kienu azzjonisti fit-2 ta' Mejju 2017, filwaqt li diretturi kienu

**Mario Gatt** u **Ronnie Gatt**, u s-segretarju kien Ronnie Gatt. Spjega wkoll li **Gatt Tarmac Limited** C 26272, ġiet reġistrata fil-25 ta' April 2000 bir-registered address 53, Kapuċċini Street, Victoria, Gozo — Dok. DC2 . Barra minn dan, skont dokument NC8 fil-proċess, li huwa r-rapport intier tal-OHSA ippreżentat minn Norbert Ciappara, jirrizulta illi wieħed mill-imputati kien ukoll indika min kienu l-kumpaniji li jħaddmu lil Mark Tabone u lil Emanuel Mercieca —

"*On the 26th of May 2017 the undersigned [Norbert Ciappara] and officer C. Zarb called at Gatt Tarmac plant in Qala road Ghajnsielem, and spoken to Mr Mario Gatt. Who indicated that he was the employer of both Mark Tanti (sic) the truck driver involved in the accident and victim Emmanuel Mercieca...... He also indicated that victim Emanuel Mercieca was employed with Gatt Tarmac LTD, whilst Mark Tabone was employed with Gatt enterprises.*"

Barra minn dan, jirriżulta wkoll mill-inkjesta numru 33/2017, u anke mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant ta' Transport Malta quddiem il-perit legali, illi t-trakk tal-għamla Leyland DAF involut f'dan l-inċident bin-numru ta' reġistrazzjoni GBF 669 huwa reġistrat fuq il-kumpanija Gatt Development Limited.

Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li ġie ippruvat li għalkemm l-imputat u l-vittma ma kinux impjegati mal-istess kumpanija, it-tnejn li huma kienu jaħdmu fl-istess impriża tal-familja Gatt. Ġie ppruvat ukoll li dan l-inċident seħħ waqt il-ħin tax-xogħol.

Fid-dawl ta' dak li già ġie osservat iktar 'il fuq f'din is-sentenza dwar id-dinamika ta' dan l-inċident, din il-Qorti hi tal-fehma li din l-imputazzjoni ġiet ukoll ampjament ippruvata.

**Kundanna għal ħlas ta' spejjeż relatati mal-inkjesta maġisterjali miftuħa**

Jifdal ukoll t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tiġi, min jinstab ħati jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-inkjesta maġisterjali li nżammet u dana ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tqis li f'dan ir-rigward din it-talba ma għandhiex tiġi akkordata minn din il-Qorti fl-intier tagħha. Dana qed jingħadd fid-dawl tal-fatt li kif già ngħadd iktar 'il fuq f'din is-sentenza, kien hemm nuqqas serju daparti ta' min iħaddem li jipprovdi ambjent ta' xogħol sigur għall-ħaddiema f'dan l-impjant. Għalhekk, għalkemm l-inċident per se seħħ waqt li kienet qed tinstaq vettura minn Mark Tabone, din il-Qorti sejra tordna li Mark Tabone jħallas terz mill-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti fl-inkjesta maġisterjali miżmuma.

## DECIDE

Illi għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi partikolarment l-Artikoli 226(1)(a) u 218(1) tal-Kap 9, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 7(1) u 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-imputat inkwantu ġie akkużat li saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBF 669 b'manjiera bla kont u perikoluża filwaqt li ssibu ħati ta' sewqan b'manjiera traskurata, kif ukoll issibu ħati tal-ewwel

imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni b'dana li qed tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500). Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna s-sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan għal żmien tmint ijiem mil-lum li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl. Tordna wkoll li l-istess ħati jħallas tmien mija u wieħed u sebgħin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€871.98ċ) rappreżentanti terz mill-spejjeż magħmula fl-inkjesta maġisterjali miżmuma in konnessjoni ma' dan l-inċident u dana wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**